## QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO (President)
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 8 ta' Frar 2024**

**Numru 1**

**Rikors maħluf numru 354/2011 JA**

**Mary Attard, u, wara l-mewt ta' Mary Attard, il-kawża b'dikriet tat-3 ta' Novembru 2020 tkompliet f'isem Noel Borg; John Mary Falzon, Josephine Theuma, Gina Custò, Alfred Theuma, Armando Borg, Carmen Brincat, Joseph Bugeja, Georgina Naudi, Doris Bugeja, u Louis Bugeja; u b'dikriet tat-3 ta' Novembru 2020 il-kawża tkompliet f'isem Carmelo Attard, Carmela Degiovanni, Alfred Theuma, Georgina Naudi, Marthese Azzopardi, Doreen Farrugia, Giorgina (*sive* Gina) Custò, Carmela (*sive* Carmen) Brincat, Louis Bugeja, Armando (*sive* Raymond) Bugeja, Dorothy (*sive* Doris) Bugeja, Joseph Bugeja u John Mary Falzon flok Noel Borg**

***v.***

**Miriam Theuma; u b'dikriet tat-8 ta' Ottubru 2012 issejħu fil-kawża Kirsten Theuma, Elaine Theuma, Antoine Theuma, Maria Theuma, Georgina Micallef, Av. Philip Manduca bħala mandatarju ta' Georgina Caruana, Joyce Cook, Paul Theuma, Mary Cristina, Carmen Grima u Lucy Ritchns**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Ottubru 2014 li ħelset lill-konvenuta mill-ħarsien tal-ġudizzju. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-atturi jgħidu illi huma wħud mis-sidien ta' fond fil-Marsa, li ġie għandhom bħala wħud mis-suċċessuri (werrieta tal-werrieta) ta' Joseph u Georgina Theuma. Joseph Theuma, li miet wara martu Georgina, kien ħalla b'legat l-użufrutt tal-fond lil Giuseppa Theuma. Anthony Theuma, żewġ il-konvenuta Miriam Theuma, kien igħid illi l-użufruttwarja kienet kriet il-fond lilu u lil martu l-konvenuta, u meta nfetħet il-kawża l-konvenuta wara l-mewt ta' żewġha baqgħet toqgħod fil-fond għalkemm Giuseppa Theuma, li allegatament kienet krithulha, kienet mietet fid-29 ta' Diċembru 1994.

3. L-atturi iżda jgħidu illi l-konvenuta Miriam Theuma qiegħda żżomm il-fond mingħajr titolu li jiswa fil-liġi u illi, ukoll jekk hu minnu illi Giuseppa kienet kriet il-fond lill-konvenuta u lil żewġha, din il-kirja "llum suppost li ilha li ġiet terminata għaliex ma saritx taħt kondizzjonijiet ġusti u għal terminu skond l-artikolu 341 [tal-Kodiċi Ċivili]".

4. Billi għalxejn sejħu lill-konvenuta biex tiżgombra mill-fond, l-atturi fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

> »1. tiddikjara li l-intimata Miriam Theuma, jekk qatt kellha titolu validu, illum ċertament illi qiegħda tokkupa l-fond … mingħajr ebda titolu ta' lokazzjoni validu fil-liġi llum;
>
> »2. mingħajr preġudizzju għall-ewwel talba, jekk hemm titolu lokatizju favur Miriam Theuma, tiddikjara li dan ma sarx taħt kundizzjonijiet ġusti hekk kif tirrikjedi l-liġi senjatament fl-artikolu 341 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u per konsegwenza tiddikjara li llum dak it-titolu m'għadux fis-seħħ;
>
> »3. tordna lill-intimata Miriam Theuma sabiex, fit-terminu qasir u perentorju li jogħġobha tiffissa din il-qorti, tiżgombra mill-fond indikat … u tirritornah flimkien maċ-ċwievet lir-rikorrenti;
>
> »4. tillikwida kumpens xieraq li għandu jitħallas lir-rikorrenti għaż-żmien kollu li fih l-intimata okkupat l-istess fond mingħajr titolu validu skont il-liġi sakemm dan jitbattal … … …;
>
> »5. tikkundanna u tordna lill-intimata Miriam Theuma sabiex, fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn din il-qorti, tħallas is-somma hekk likwidata lir-rikorrenti.

»Bl-ispejjeż … … .«

5. Il-konvenuta ressqet din l-eċċezzjoni, fost oħrajn:

> »4. il-proċeduri … huma karenti mill-integrità tal-ġudizzju, peress illi, kif hemm ikkonfermat sa mill-bidunett tar-rikors maħluf tagħhom, l-atturi rikorrenti stess jikkonfermaw bil-ġurament li huma biss "… uħud mill-proprjetarji tal-fond …" u, għalhekk, hemm komproprjetarji oħra li mhumiex ċitati fil-ġudizzju la fost ir-rikorrenti u lanqas mal-intimata, liema komproprjetarji però huma wkoll eredi tal-werrieta oriġinali tal-mejtin Giuseppe u Giorgia konjuġi Teuma.«

6. L-imsejħa fil-kawża wkoll ressqu l-istess eċċezzjoni.

7. L-ewwel qorti laqgħet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju, u għalhekk ħelset lill-konvenuta mill-ħarsien tal-ġudizzju, għal raġunijiet illi fissrithom hekk:

> »… … … billi jidher li l-eċċezzjonijiet sussegwenti rigwardanti l-integrità tal-ġudizzju jidhru li ġew sorvolati biss parzjalment bl-inklużjoni ta' ħafna mill-partijiet l-oħra involuti, iżda mhux kollha, il-qorti se tmur mill-ewwel biex tgħarbel din l-eċċezzjoni.
>
> »Qabel xejn l-istess atturi fir-rikors promotur jirrikonoxxu li, skond l-informazzjoni li kellhom, dik li kienet usufruttwarja tal-fond in kwistjoni ikkonċediet lill-konvenuta l-fond b'titolu ta' lokazzjoni; għalhekk din l-eċċezzjoni trid tiġi mistħarrġa f'dan l-isfond.
>
> »Mill-provi rriżulta li, għalkemm ġew kjamati fil-kawża diversi persuni li huma ko-proprjetarji, tħallew barra Emanuel Attard (ħu l-attrici) u wlied huha ieħor Joseph Attard, illum mejjet. Il-qorti taqbel mal-konvenuta, illi … f'kawża li ssir in segwitu għal relazzjoni ġuridika ta' lokazzjoni, il-ko-proprjetarji kollha jridu jkunu parti minnha. Kif anke indikat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet <u>Symes *vs* Eder</u> deċiża fit-13 ta' Ġunju 1980, il-litis konsorzju bejn dawk kollha li huma parteċipi huwa neċessarju.
>
> »Stabbilit dan ma hemmx lok li l-qorti tistħarreġ l-eċċezzjonijiet l-oħra.
>
> »Għal dawn il-motivi l-qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' r-raba' eċċezzjoni tal-konvenuta, u għaldaqstant tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju.
>
> »L-ispejjeż ikunu a kariku tal-atturi.«

8. L-atturi appellaw b'rikors tat-18 ta' Novembru 2014 u l-konvenuta u wħud mill-imsejħa fil-kawża wieġbu fl-10 ta' Diċembru 2014.

9. L-appellanti fissru l-aggravju tal-appell hekk:

> »… … … fis-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti din qiegħda ssostni li żewġ persuni li kellhom ikunu parti fil-kawża baqgħu barra bil-konsegwenza li l-ġudizzju mhux wieħed integru. Dawn huma Emanuel

Attard – ħu Mary Attard – u wlied id-defunt Joseph Attard (li jiġi ħu Mary Attard ieħor)

»L-appellanti … ma jaqblux mal-fatt illi l-imsemmija Emmanuel Attard u l-eredi ta' Joseph Attard kellhom jiġu inklużi fil-kawża u dana għaliex kemm Emanuel Attard u kif ukoll Joseph Attard qatt ma kienu eredi ta' ommhom Carmela Attard, iżda biss leġittimarji.

»Dan jirriżulta mid-dokumenti li qed jiġu mehmuża ma' dan l-appell, li huma r-riċerki testamentarji tad-defunta Carmela Attard, li tiġi omm il-persuni suindikati, kif ukoll it-testment tal-istess Carmela Attard.

»L-appellanti jiċċaraw li skont il-liġi u d-dikrieti kostanti tal-Qorti tal-Appell, huma għandhom kull jedd li jressqu dawn il-provi dokumentarji flimkien mar-rikors tal-appell tagħhom u dana sabiex din il-qorti ta' reviżjoni tasal sabiex twettaq ġustizzja. L-appellanti jiċċaraw li huma ma ressqux tali prova qabel għaliex *tenendo* kont ta' dak imsemmi hawn fuq ma kienx hemm il-htieġa ta' dan.

»Għalhekk l-appellanti jikkonkludu li l-ewwel qorti waslet għal deċiżjoni totalment żbaljata għaliex, bħala leġittimarji, il-persuni indikati fis-sentenza appellata ma kien hemm l-ebda ħtieġa li huma jkunu parti fil-kawża. Il-provi dokumentarji juru dan b'mod skjaċċanti.«

10. Il-qorti tosserva qabel xejn illi, għalkemm il-liġi kif kienet fis-seħħ fiż-żmien li sar l-appell kienet tippermetti li l-appellanti jippreżentaw dokumenti ġodda mar-rikors tal-appell, madankollu dan għandu jiftehem fil-kuntest tal-funzjoni tal-Qorti tal-Appell bħala qorti ta' reviżjoni u mhux qorti tal-ewwel grad, b'mod għalhekk li dokumenti li kellhom u setgħu jinġiebu quddiem l-ewwel qorti ma għandhomx jitqiesu mill-Qorti tal-Appell[1].

11. F'kull każ, ukoll jekk il-qorti eċċezzjonalment tqis id-dokumenti, minnhom jidher illi l-awtriċi tal-leġittimarji mietet fit-23 ta' Diċembru 1983. Fl-1983, meta nfetħet is-suċċessjoni, il-leġittima, jew sehem riservat, kienet titqies *pars bonorum* qabel ma l-liġi nbidlet bl-art. 58 tal-Att XVIII tal-2004 u saret biss kreditu kontra l-beni tal-mejjet.

12. Dan ifisser illi l-leġittimarji msemmija fir-rikors tal-appell huma kom-proprjetarji tal-fond u għalhekk kellhom f'kull każ ikunu parti fil-kawża.

13. Madankollu, in-nuqqas li dawn il-persuni jkunu parti fil-kawża ma huwiex wieħed fatali, għax seta' faċilment jiġi rimedjat bis-sejħa tagħhom fil-

[1] Ara *e.g.* Josef Farrugia *v.* Christopher Carabott *et*, App. 24 ta' Ġunju 2011, ċitaz. nru 388/1998.

kawża, u l-ewwel qorti messha mxiet hekk flok teħles lill-konvenuta mill-ħarsien tal-ġudizzju.

14. Il-qorti għalhekk tħassar is-sentenza appellata u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex din, wara li ssejjaħ fil-kawża lill-komproprjetarji li għadhom ma humiex parti, tkompli tisma' l-każ u tiddisponi dwar l-eċċezzjonijiet l-oħra u t-talbiet tal-atturi.

15. Billi dan l-episodju nħoloq minħabba nuqqas tal-atturi, huwa xieraq illi l-ispejjeż kollha, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallsuhom huma.

Giannino Caruana Demajo
President

Joseph R. Micallef
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
ss